MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 9/2002

**George Zammit**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Novembru 2002 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-appell ipprezentat fid-29 ta' April 2002:-

"*Nota ta G. Zammit I.d. 48537 (M)*

*Li biha jappella mid-decizjoni tad-Direttur komunikata lilu b'ittra datata 6 ta' April, 2002 fejn qallu li l-pensjoni tieghu kienet giet kalkolata ghal Lm71.02 fil-gimgha.*

*Jissottometti li s-Sur Mark Cachia tal-Customer Care qallu li fil-kalkolu d-Direttur ikkunsidrah bhala "self occupied" u mhux bhal "self employed" fis-snin 1998 sal 2000.*

*Jippremetti li skond id-decizjoni tad-Direttur ta' erba snin ilu li kienet giet konfermata mill-Arbitru u mill-Qorti tal-Appell – decizjoni li l-appellant jaccetta – l-oneru li jissodisfa lid-Direttur li ma kienx qed jaqla dhul, kien fuqu biss: jghid li ma kienx irnexxielu jipprezenta provi biex jissodisfa lid-Direttur u ghalhekk jaccetta li tilef id-dritt ghall-pensjoni ghal dawk l-erba snin.*

*Jiddikjara li l-appell odjern huwa limitat fuq is-sistema li ntuzat biex id-dipartiment wasal ghall-ammont ta' Lm71.02.*

*Jissottometti li d-decizjoni tal-Qorti ma kenitx timplika konferma li kien qed jahdem imma kienet biss li ma giebx (nikkwota is-sentenza) "l-prova sal-grad li kellha ragionevolment tikkonvinci lil min kellu jiddeciedi"*

*Illum, li issa ghaddew 4 snin, u allura jista' jitkellem fuq il-fatti, qed jissottometti:-*

*(1) Li huwa kien registrat mal E.T.C bhala direttur tal-A.G. Investiment Co. biss ghax kien iritra mill-ohra f'Dicembru 1997. Dok "A"*
*(2) Illi din il-kumpanija tipproduci, skond il ligi, accounts annwali, b'certifikat ta Auditur rikonoxxut mill Malta Financial Services Centre. Dawn l-erba accounts, ghas-snin 1998/2001, Dok "B", hawn mehmuzin, juru li ma sar ebda pagament dirett jew indirett lejn l-appellant.*
*(3) Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni accetta dan il fatt kif jidher mill assessment hawn anness tas-sena 2000 Dok "C" (it tlieta l-ohra ma nstabux u jekk mehtiega qeda tintalab ix-xhieda tal-kummissarju) li ma juri ebda ex-officio assessment.*
*(4) L-appellant dejjem issottometta it-tax returns tieghu hawn annessi, dok "D" li juru li ma kellu ebda earned income.*
*(5) Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni accetta dawk ir-returns kif jidher mitt-tlett assessments hawn annessi*

*Dok "E" li ma juru ebda ex officio assessment. Tas-sena 2002 ghadu ma hargitx.*

*Ghalhekk qed isostni li dawn il-provi llum jilhqu dak il grad li ghandu ragonevolment jikkonvinci lil min jiddeciedi. Dawn il-provi gew ukoll mgharbla mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li ghandu l-akbar esperjenza fuq evazjoni ta' taxxa bil-habi ta' dhul li jkun qed isir u ghalhekk jikkonfermaw li ma kellu ebda earned income f'dawk l-erba' snin.*

*Minghajr pregudizzju tas-su-espost, l-appellant jirrizerva li jaghmel sottomissjonijiet biex juri li d-dhul pensjonabbli hu dak li jircevi u mhux, kif sostna id-Direttur hu dak li jigu aggustat ghal fini tat-taxxa b'deduzzjoni ta' 20% tal-kera dikjarat, ammont li ma hemmx ghalfejn jintefaq.*

*Subordinatament, u purament jekk ikun mehtieg, jghid li ghas snin 2000 u 2001 hallas bir-rata tajba u ma jaqbilx kif qassam l-ammont id-Direttur/kummissarju."*

Risposta tad-Direttur:

*1. Jidher car li l-appellant baqa jzomm il-kariga ta' Direttur ta' A.G. Investments LTD u ghalhekk fin-nuqqas ta' rinunzja ghal dik il-kariga hu kellu u ghandu jibqa' jigi meqjus bhala persuna li "tahdem ghaliha nnifisha".*

*2. Ma jistax jaccetta r-ragunament tal-appellant li ladarba ma komplix jiehu, u mhux jirciev remuneration, li ghas-snin 1996 u 1997 kienet tammonta ghal Lm6120 fis-sena rispettivament, bhala Direttur mis-sena 1998 hu ghandu jitqies bhala 'self employed' jew 'persuna li timpjega lilha nnifisha' specjalment meta wiehed iqis li l-appellant hu minbarra Direttur, majority shareholder f'A.G. Investments Ltd, b'kontroll assolut ta' dik il-kumpanija. L-ghazla jekk jiehux jew le dak li sas-sena 1997 kien jiehu kienet tieghu u ta' hadd izjed. Xejn xejn dak li ma hax sab ruhu fil-kaxxa ta' retained profits 'ready for the picking when the time is ripe'.*

*3. F'id-dawl ta' dan kollu l-istima tal-Pensionable Income in quantu fuq kemm snin (1)) ghandha tinhadem*

*skond l-Iskeda Tlettax (3) saret korretta u d-Direttur jirrizerva d-dritt li jaghmel stima mill-gdid. Mhux fuq l-ammont ta' snin izda fuq l-ammont ta' dhul dikjarat li gew ikkunsidrati biex tigi stabbilita r-rata tal-pensjoni*."

L-Arbitru ra l-atti l-ohra tal-appell inkluz id-dokumenti kollha pprezentati.

Ikkunsidra,

L-appellant isostni illi huwa ressaq provi bizzejjed biex jipprova li fil-periodu mill 1998 'il quddiem huwa ma kellu l-ebda dhul mill-posizzjoni tieghu ta' Direttur mal kumpanija A G Investments Ltd li taghha huwa direttur. L-appellant qed jappella fuq is-sistema li ntuzat biex id-dipartiment wasal ghall-ammont ta' Lm71.02 pensjoni fil-gimgha. L-appellant sostna li fil-kalkoli maghmula mid-Direttur l-appellant gie kkonsidrat li kien "self occupied" mentri l-appellant jikkontendi li ghandu jigi kkonsidrat bhala "self employed". L-appellant ipprezenta diversi dokumenti biex juri li kemm ilu li lahaq l-eta' tal-irtir huwa ma kellu l-ebda dhul mill-kumpanija. Mal-ETC huwa registrat bhala "self employed": Part time director".

Artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali jiddefenixxi self employed person u self-occupied person.

*"**tahdem bi qliegh**" tfisser persuna mpjegata f'impieg assigurabbli jew tahdem ghaliha nnifisha;*

*"**tahdem ghalih innifsek**" tfisser persuna li timpjega lilha nnifisha li tinsab okkupata f'xi attivita` li permezz taghha jinqala` qliegh li jkun izjed minn Lm390 fis-sena".*

B'nota tal-4 ta' Ottubru 2002 l-appellant zied jissottometti illi:-

"*Izda pero` in-nuqqas ta' qbi ltieghu mas-sottomissjoni verbali tad-Direttur li rtir ta' self employed jsir dejjem mal-gheluq ta' 61 sena.*

*Jirrileva li d-definizzjoni ta' self employed tghid specifikament "sa 65 sena"; u*
*Ma hemmx logika fl-interpretazzjoni tad-Direttur li self employed jirtira bilfors ta' 61 sena, ghaliex dan iwassal li min jahdem u jaqla aktar mill Paga Minima Nazzjonali ma jiehux il pensjoni waqt min ma jahdimx u ghandu anke Lm20,000 kera/interessi jiehu l-pensjoni bilfors ta' 61 sena.*"

Fil-fehma tal-Arbitru self employed ma jistax ikun persuna li ghalaq il-65 sena. L-appellant ghalaq il 65 fil fl-4 ta' Jannar 2002 u ghalhekk illum ma jistax jigi kkonsidrat self employed ghall-finijiet tal Att dwar is-Sigurta` Socjali. L-appellant isostni li una volta ma kellux 'earned income' id-Direttur ma jistax jghid li kien 'self occupied' u jqislu l-kera bhala earned income.

Jirrizulta li l-appellant kien diga applika bla success ghall-pensjoni tal-irtir meta ghalaq 61 sena liema talba giet michuda peress li d-Direttur ma kienx sodisfatt li d-dhul tal-appellant ma kienx jeccedi l-paga minima nazzjonali. Tali decizzjoni kienet giet konfermata mill-Arbitru u sussegwentement mill-Qorti tal-Appell.

L-appellant illum qed isostni li una volta il-karti tal-income tax juru li ma kellu l-ebda dhul, ghall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' pensjoni pagabbli ghandu jigi kkonsidrat li l-appellant tul dawn l-ahhar seba' snin ma kellu l-ebda dhul mill-kariga tieghu ta' Direttur izda biss ir-renti.

L-Arbitru ma hux qed jaccetta dan l-argument. Ir-ratio tad-decizzjoni imsemmija tal-Arbitru kif konfermata mill-Qorti tal-Appell kien li c-cirkostanzi kienu juru li l-appellant kien qed jaqla aktar mill-paga minima nazzjonali. Ghalhekk fil-perijodu in kwistjoni id-dhul pensjonabbli ghandu jkun dak rifless mir-rata ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali effettivament imhallsa mill-appellant.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell."

George Zammit appella minn din is-sentenza in bazi ghall-aggravju illi l-Arbitru zbalja meta ma laqax l-ilment tieghu

illi hu kien jisthoqqlu rata ta’ pensjoni ghola minn dik attwalment likwidata mid-Dipartiment. Huwa jissottometti illi l-fakolta` vestita mil-ligi fl-appellat hi cirkoskritta minn dak dettat mill-Artikoli 2 u 58 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali. Jargumenta b’hekk illi l-appellat ma kellu l-ebda poter jew diskrezzjoni li jghid li persuna qed taqla’ aktar minn dak li effettivament tkun qed tippercepixxi jew li jsostni li tali dhul jissupera l-limitu stabbilit mil-ligi.

L-iter tal-vertenza in meritu jaf il-bidu tieghu lill-kaz fejn l-appellant applika ghall-Pensjoni ta’ l-Irtirar. Dakinhar it-talba tieghu kienet giet respinta mid-Direttur fid-decizjoni tieghu. Decizjoni din sostenuta mill-Arbitru u aktar tard konfermata ukoll mill-Qorti ta’ l-Appell bid-decizjoni taghha tas-27 ta’ April 2001.

Ghal dak li jiswa, fiha kien gie rimarkat illi c-cirkustanzi fattwali kienu juru li l-appellant ma kienx iddisimpenja ruhu mill-piz li jipprova illi “d-dhul li ndubbjament kellu ma kienx gej minn xi forma ta’ attivita` ta’ negozju, hi x’inhi, kemm diretta u sew indiretta li tkun tikkwalifikah bhala ‘gainfully occupied’ imma kien biss tgawdija tal-frott tal-kapitali li akkumula matul iz-zmien.”

Din il-konkluzjoni hekk dakinhar raggunta minn kull min kien imsejjah biex jarbitra dwar it-talba tieghu hi issa accettata ukoll mill-appellanti. Huwa ghalhekk jikkontendi fl-isfond tal-appell tieghu quddiem l-Arbitru dwar il-vertenza prezenti illi issa l-provi ghandhom jikkonvincu sal-grad ragjonevoli rikjest illi ghall-perijodu 1998-2000 huwa ma kellu ebda “earned income”. Huwa jibbaza din il-kontenzjoni tieghu preponderantement fuq l-Accounts tal-kumpanija A.G. Investments Ltd li taghha baqa’ direttur, u l-Income Tax Returns accettati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. B’dawn hu ried jiddemostra li ma sarlu l-ebda pagament, dirett jew indirett, mill-kumpanija u li ma kellu ebda “earned income”.

Fuq il-bazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kif prospettati minnu l-appellanti obbjetta permezz ta’ sottomissjoni lill-Arbitru illi l-medja tad-dhul tieghu ghall-iskop tal-

assessment tal-pensjoni kellu jkun oghla minn dak milhuq mill-appellat, konsiderat ukoll is-sub-paragrafu (3) tal-Iskeda Tlettax.

L-appellat minn naha tieghu jikkuntrasta dak sottomess mill-appellanti billi jsostni illi gjaladarba dan baqa' jzomm il-kariga ta' direttur fil-kumpanija, li taghha hu wkoll l-azzjonist maggoritarju, huwa kellu jigi meqjus bhala persuna li "tahdem ghaliha nnifisha" skond kif mil-ligi definita din l-espressjoni.

Issokta jigi aggunt mill-istess appellat illi kif dimostrat mill-provi r-rimunerazzjoni li kien jircievi l-appellant qabel l-1998 gew inkanalati ghall-kont tar-"retained profits" tal-kumpanija taht il-kontroll tal-istess appellant.

Posta l-kwestjoni li l-partijiet fl-appell qeghdin jikkontendu dwarha jinghad qabel xejn illi kif tarah din il-Qorti l-kaz in diskussjoni jorbita mal-konsiderazzjoni tal-piz tal-provi u, maggorment ukoll, mal-apprezzament tal-provi fil-kwadru shih tal-atti processwali. Apprezzament dan li kif inhu logiku ghandu jkun preordinat ghal liema kategorija kellu jappartjeni l-appellant skond l-Artikolu 3 tal-Att.

Issa l-appellant jikkontendi li l-oneru tal-provi hu mixhut fuq l-appellat. Huwa infatti jirrikorri ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 112 u 113 tal-Kap 318 biex bhal speci jikkonvinci illi d-Dipartiment ghandu l-mezzi biex permezz tal-ispetturi tieghu, jinvestiga, jgharbel u jottjeni kull informazzjoni li jkun jidhirlu xieraq. Dan s'intendi fir-ricerka biex jigi assikurat illi l-applikant u pretendent ta' dritt ma jkunx qieghed jaggira d-disposizzjonijiet tal-ligi jew jimmaskera sitwazzjoni biex juri haga b'ohra u li ma tikkorrispondiex ghall-verita`.

Din il-Qorti bir-rispett kollu ma tikkondividiex dan l-argoment. Anzi hi l-konsiderazzjoni ferma taghha illi l-oneru tal-prova kien kollu kemm hu fuq l-appellant ghax kien hu li qed jallega li ma kellu l-ebda "earned income" u allura stava ghalih li jgib din il-prova. Prova li riedet tkun ukoll konvincenti, cara, inekwivoka u li ma thalli l-ebda

dubju f'mohh dak li kellu jiddeciedi dwar il-veracita` taghha.

Evidentement la d-Direttur appellat u lanqas l-Arbitru ma qiesu din il-prova bhala wahda talment sodisfacenti illi tassew l-appellant ma kellu l-ebda "earned income" ghas-snin in ezami. Jidher in effetti, u dan mhux minghajr raguni, illi huma ma striehux fuq il-provi offerti mill-appellant u anzi ddeducew, korrettement fil-fehma tal-Qorti, mill-utilizzar ta' elementi probatorji ohra, illi dak rakkontat mill-appellanti ma kienx sufficjenti biex iforni elementi favorevoli lit-tezi tieghu.

F'dan jista' jinghad li ma hemm xejn gdid in kwantu fl-ordinament guridiku ordinarju r-rizultanzi processwali jikkonkorru kollha indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Xejn mhu eskluz, lanqas l-utilizazzjoni tal-prova stabbilita illi r-rimunerazzjoni fil-kaz tal-appellant odjern kienet qed tigi kondotta ghar-'retained profits account' tal-kumpanija li taghha tista' tghid l-appellant huwa, jekk mhux l-amministratur esklussiv, certament wiehed mill-ewlenin gjaladarba huwa l-azzjonist maggoritarju.

Jista' jinghad ghalhekk illi mill-provi kontrapposti l-appellant ma rnexxielux iwassal il-kaz tieghu ghal dak il-konvinciment li adegwatament isostni l-legittimita` tal-pretensjoni tieghu u allura wkoll il-fondatezza tal-aggravju.

Ghal dawn il-motivi l-appell imressaq qed jigi michud u s-sentenza appellata tal-Arbitru konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------